MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1149/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Giuseppe Bonavia (ID197752M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Giuseppe Bonavia**

**vs**

**Peter Galea (ID639147M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Mejju, 2005 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u wiehed liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm201.72) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tas-16 ta' Settembru, 2003, fi Triq il-Majjiera, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura bin-numru KCY 891 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura bin-numru GAK 489 misjuqa**

**minn Sharon Lauren Clarkson u propjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.**
**L-ammont mitlub jinkludi s-somma ta' hamsin lira (Lm50.00) bhala 'Excess' imhallsa mill-attur Giuseppe Bonavia, li kien assikurat taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici.**
**Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Marzu, 2005, il-konvenut baqa' nadempjenti.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Marzu, 2005, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-avviz, kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax pagabbli mit-28 ta' Marzu, 2005, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fis-17 ta' Gunju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma giet prezentata risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' t-talbiet attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo, u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' mija u wiehed u hamsin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm151.72), u lill-attur Giuseppe Bonavia is-somma ta' hamsin lira (Lm50.00), ilkoll bl-imghaxijiet dekoribbli mit-28 ta' Marzu, 2005 sal-pagament effetiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Marzu, 2005, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-avviz, kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------